MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-20 ta' April, 2012

Rikors Numru. 386/2011

**D C**

**vs**

**F G**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat, li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet:

Illi l-partijiet iżżewgu nhar it-8 ta' Lulju 1994 u dan kif inhu evidenzjat miċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bhala **Dok. DC1**;

Illi minn dan iż-żwieġ ma twieldu ebda ulied;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati għal aktar minn erba' (4) snin u dan kif jirriżulta mill-kuntratt ta' separazzjoni viġenti bejniethom datat l-4 t'Awwissu 2003 u redatt fl-Atti

tan-Nutar Dr. Nicholas Vella (ara **Dok. DC2** hawn anness);

Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom *stante* illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin u saħansitra ffurmaw rabtiet ma' persuni oħrajn / familji ġodda;

Illi l-partijiet iddekadew mid-dritt ta' manteniment reċiproku skond l-istess kuntratt ta' separazzjoni personali (ara **Dok. DC2**) u għalhekk l-ebda manteniment m'hu dovut;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jiddudisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib ta' divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja d-divorzju, ossia l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-23 ta' Novembru, 2011;

Rat l-atti kollha;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi l-intimat ma ipprezentax risposta, izda xehed bil-gurament tieghu;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi il-kundizzjonjiet kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul gew sodisfatti u dana peress illi gie ippruvat illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 4 ta' Awissu 2003;

Il-Qorti rat illi gie ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi il-partijiet iddekadew mid-dritt ta' manteniment reciproku fil-kuntratt ta' separazzjoni personali;

Illi gie ippruvat ukoll illi minn dan iz-zwieg ma twieldux ulied;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------